**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 12 ta' Gunju 2002

Rikors numru 739/2000 AJM

Kawza numru

Wara l-atti tac-citazzjoni numru 141/98 GCD fl-ismijiet:-

Mid-Med Bank Plc

Vs

Ellul Holdings Limited bhala debitur principali; Waste Control Services Limited; Modern Buttons Limited; Modern Crown Stoppers Company Limited; Modern Plastic Containers Limited; Sandmar Limited; Modern Blow and Packaging Limited; Mario Ellul u Marianne mart Mario Ellul bhala kompartecipi fil-Komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha Mario; Alexandra Falzon Scerri; Norman Falzon Scerri u Alexandra Falzon Scerri bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' akkwisti ma' zewgha Norman; Rita armla ta' Emmanuel Ellul ilkoll bhala garanti;

Mario Ellul u Alexandra Falzon Scerri bhala werrieta ta' missierhom u Rita armla ta' Emmanuel Ellul bhala responsabbli ghad-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentat fit-18 ta' April 2000 li permezz tieghu Marianne Ellul wara li esponiet:-

1. Illi b'ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu 2000, is-socjeta' HSBC Bank Malta plc, interpellat lill-konvenuta Marianne Ellul biex fi zmien tletin (30) jum ghandha tikkontesta t-taxxa annessa mal-istess ittra ufficjali (Dok 1).
2. Illi l-esponenti tirrileva illi r-Registratur tal-Qorti hareg taxxa legali fil-kawza fuq premessa, li kopja taghha qed tigi hawn ezebita u mmarkata Dok 2, fejn id-dritt tal-avukat hu erbat elef sitt mija u hamsa u ghoxrin (recte erbghin) lira (LM4,645) u d-dritt tal-prokuratur legali hu ta' elf hames mija u tmienja u erbghin lira tlieta u tletin centezimi (LM1,548.33).
3. Illi din hija taxxa li tinsab fil-fatt annessa mal-process u li bbazata fuq tassazzjoni maghmula w iffirmata fuq il-qoxra tal-istess process mid-Deputat Registratur (Dok 3).
4. Illi sussegwentement s-socjeta' attrici, minghajr ma talbet ir-revizjoni tat-taxxa hekk mahruga, fit-termini indikati fil-ligi, ppreparat hi stess taxxa ohra fejn id-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali gie mnaqqas b'nofs, liema taxxa ma gietx ibbazata fuq id-drittijiet legali tal-avukat, kif mahduma mid-deputat Registratur

tal-Qorti w ikkontradiciet l-ewwel taxxa, izda giet iffirmata mill-ufficjal, ossia skrivan tal-Qorti. (Dok 4).

5. Illi l-hrug tat-tieni taxxa, apparti li jikkostitwixxi abbuz ta' kif jinhargu w jigu preparati t-taxxi, hija zbaljata, in kwantu ma tirrispekjax id-dritt tal-avukat kif mahduma mid-Deputat Registratur tal-Qrati.

6. Illi s-socjeta' attrici donna qed tikkonkludi illi la darba l-konvenuta Marianne Ellul kienet partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti, allura d-dritt tal-avukat u l-prokuratur legali ghandu jkun nofs dak dovut skond il-ligi.

7. Illi din il-kontenzjoni tas-socjeta' attrici, hija kompletament zbaljata, inkwantu l-konvenuta Marianne Ellul, giet imfittxa mis-socjeta' attrici ghas-somma intiera ndikata fic-citazzjoni u mhux ghal nofsha. (Dok 5).

8. Illi fil-fatt, fic-citazzjoni, il-konvenuta Marianne Ellul, intalbet tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tikkundannaha thallas, flimkien mal-konvenuti l-ohra, is-somma intiera stipulata.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti tannulla, tirrevoka u thassar kompletament it-taxxa mahruga mill-iskrivana kif riportata fid-dokument 4 hawn anness u tikkonferma it-tassazzjoni mahruga mid-Deputat Registratur kif reportata fid-Dokument 2.

Rat ir-risposta tas-socjeta' HSB Bank Malta plc qabel Mid-Med Bank plc presentata fit-8 ta' Mejju 2000 li permezz taghha gie sottomess:-

1. Illi r-rikors huwa rritwali ghaliex ma jikkostitwix il-procedura li ghandha tigi segwita f'kaz ta' ritassa ta' drittijiet gudizzjarji. L-azzjoni ta' ritassa hija procedura per se u ma ghandha l-ebda

relazzjoni mal-meritu tal-kawza li d-drittijiet fiha jkun qed jigu attakkati. L-okkju ghandu jkun proprju tal-azzjoni u mhux dak tal-kawza li taghha tkun saret it-tassazzjoni. l-azzjoni gHalhekk hija nulla.

2. Ir-rikors huwa null ghaliex huwa maghmul minn mara mizzewga minghajr l-intervent tar-ragel.

3. Illi l-gudizzju mhux integru ghaliex f'kawzi ta' ritassa ghandhom ikun parti l-interessati kollha, partikolarment ir-Registratur li fil-konfront tieghu tista' tkun trid tigi eventwalment moghtija l-ordni ghat-thassir tat-taxxa mpunjata.

4. Fil-mertu t-taxxa mpunjata ghandha tirrizulta, almenu fil-principju, korretta ghaliex id-dritt tad-difensuri tar-rikorrenti fil-kawza li ghaliha tirriferixxi t-taxxa mpunjata, ghandu jkun kkalkolat fuq l-interess li kellha r-rikorrenti f'dik il-kawza, u li fiha hija kienet konvenuta biss bhala *kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma zewgha Mario* li kien ukoll parti fil-kawza. L-interess fil-kawza kien biss tal-komunjoni u m'hux tar-rikorrenti personalment.

5. Ghar-ragunijiet premessi u dawk li jistghu jigu migjuba 'l quddiem waqt kull eventwali trattazzjoni li tista' ssir, ir-rikorsodjern ghandu jigi dikjarat irritwali u null, u l-esponenti liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Hadet konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti, senjatament il-kopji tat-taxxi tal-ispejjes tal-kawza, u tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Prim Awla tad-19 ta' Frar 1999. Hadet ukoll konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta'intimata.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

**Il-Fatti.**

B'citazzjoni tat-23 ta' Jannar 1998 numru 141/98, is-socjeta' Mid-Med Bank plc istitwit proceduri sommarji a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenuti hawn fuq imsemmija, sabiex dawn jigu kundannati jhallsu l-ammonti hemm indikati.

F'dawk il-proceduri l-konvenuti kollha, hlief ghar-rikorrenti Marianne Ellul, li giet imharrka "*bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha Mario"*, ammettew it-talbiet attrici, filwaqt li l-istess Marianne Ellul talbet li tinghata l-fakolta li tikkontesta t-talbiet attrici inkwantu jikkoncernaw lilha. Din it-talba giet akkordata u l-istess Marianne Ellul, rikorrenti odjerna, pprezentat nota ta' eccezzjonijiet. Izda gara li, fil-pendenza ta' dawk il-proceduri, s-socjeta' attrici cediet it-talbiet taghha fir-rigward ta' l-istess Marianne Ellul. In segwitu, in vista ta' din ic-cessjoni u tal-ammissjoni tal-konvenuti l-ohra, inghatat sentenza fid-19 ta' Frar 1998 fejn il-Qorti pprovdiet billi filwaqt li lliberat lill-konvenuta Marianne Ellul mill-harsien tal-gudizzju bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici, kkundannat lill-konvenuti l-ohra a tenur tat-talbiet, bl-ispejjes kontra taghhom.

Kif jidher mid-Dok 3 a fol 6 tal-process odjern, id-deputat registratur tal-Qorti li ppronunzjat is-sentenza, intaxxa d-drittijiet tar-Registru u tal-Avukat, tenut kont, kif jidher *in calce* tal-istess dokument tal-fatt li l-kawza kienet giet deciza "*Fuq ammissjoni u ceduta fil-konfront ta' M'anne Ellul*" billi gew indikati bhala dritt ta' Registru s-somma ta' LM762.00 u dritt tal-avukat is-somma ta' LM4,645.00.

Fis-16 ta' April 1999 giet mahruga taxxa tal-"*ispejjes u drittijiet tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi li giet* ***ceduta*** *fil-konfront tal-konvenuta Marianne Ellul fl-4 ta' Frar 1999."* F'din it-taxxa jidher li d-dritt tal-avukat gie indikat fl-ammont ta' LM2322.50 u dak tal-prokuratur legali f'ammont relativ. Dawn id-drittijiet jirrapresentaw nofs l-ammont intaxxat kif fuq inghad.

Fit-27 ta' April 1999 giet mahruga taxxa ufficjali ohra tal-partijiet kollha involuti fil-kawza fuq imsemmija u hemm id-dritt tal-avukat ta' Marianne Ellul gie indikat bhala LM4645.50 u dak tal-prokuratur legali jidher bhala terz ta' dan id-dritt.

Fid-29 ta' Marzu 2000 is-socjeta' HSBC Bank Malta plc ppresentat ittra ufficjali fil-Prim Awla tal-Qorti Civili indirizzata lill-Marianne Ellul, b'kopja tal-ewwel taxxa fuq imsemmija fejn wara li din giet intimata li l-ispejjes dovuti lill-konsulent legali taghha kienu dawk rizultanti mit-taxxa mahruga fis-16 ta' April 1999, jinghad ukoll fl-istess ittra ufficjali hekk *"Inti qieghdha tigi notifikata b'din it-taxxa u jekk ma* t*ibdiex procedura legali sabiex tikkontestaha fi zmien tletin (30) jum mil-lum din it-taxxa ssir definittiva u ghalhekk l-ammont dovut bhala spejjes legali jigu konfermati bhala LM3112.91,6 u mhux LM6214.33."*

Il-proceduri odjerni huma proprju b'reazzjoni ghal din l-interpellazzjoni nkwantu fl-ewwel paragrafu tar-rikors issir referenza specifika ghall-imsemmija ittra ufficjali.

F'dawn il-proceduri qed jintalab mill-Qorti li tannulla u tirrevoka t-taxxa fuq imsemmija. Tali talba, skond is-socjeta' intimata, tista' biss tinkwadra fit-termini tal-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti

l-fakolta' lill-parti nteressata li tattakka u tikkontesta l-intaxxar tal-ispejjes gudizzjarji maghmul mir-Registratur tal-Qorti. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

"*L-ispejjes gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-Qorti. Dan iz-zmien, ghal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjes, jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa, u, ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att gudizzjarju, mill-gurnata ta' dik in-notifika.*"

Dan l-artikolu jkompli jipprovdi li r-rikors ghandu jigi notifikat lil kull minn jkollu interess fih.

Minn dan l-artikolu naraw li hija kompetenza tar-Registratur tal-Qorti li jintaxxa d-drittijiet u l-ispejjes tal-partijiet fil-kawza u li johrog it-taxxa relattiva. Wara jkun fid-drittijiet tal-parti interessata li t'attakka dik it-tassazzjoni fi zmien utili u kemm-il darba dak iz-zmien jghaddi minghajr ma jittiehdu l-proceduri imsemmija fl-artikolu citat, dik it-taxxa ma tkunx tista tigi aktar kontestata u ssir titolu ezekuttiv skond ma jipprovdi l-artikolu 253 subinciz (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Dawn il-proceduri gew istitwiti fit-terminu preskritt fejn qed jintalab li t-taxxa mahruga fis-16 ta' April 1999 annessa mal-ittra ufficjali tigi dikjarata nulla u bla effett biex b'hekk ikollha effett it-taxxa mahruga fit-27 ta' April 1999. Dan qed jigi sottomess jirrizulta billi t-taxxa

attakkata tikkostitwixxi abbuz u hija zbaljata nkwantu ma tirriflettix id-dritt tal-avukat kif mahdum mid-Deputat Registratur.

B'risposta ta' dan is-socjeta' intimata qed issostni l-irritwalita' tal-proceduri adottati billi fl-ewwel lok tali proceduri mhux relatati mal-kawza li tat lok ghat-taxxa in kwistjoni u b'hekk l-okkju "*ghandu jkun proprju tal-azzjoni u m'hux dak tal-kawza."* Fit-tieni lok qed jigi sottomess li fil-proceduri ghar-ritassa hemm il-htiega tal-presenza tar-Registratur billi kull provediment li taghti l-Qorti fir-rigward ta' dik it-taxxa attakkata trid tigi ezegwita minnu.

Din il-Qorti tabbraccja dawn il-konsiderazzjoni ta' natura proceduraali kif riportati hawn fuq inkwantu, kif sewwa gie rilevat, l-azzjoni ghar-ritassa jew ghal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti trid bil-fors l-presenza ta' l-istess Registratur inkwantu dan huwa necessarjament parti interessata kif jissemma fis-subinciz (2) tal-artikolu 64 fuq imsemmi. Inoltre l-azzjoni intentata, ghalkemm temani mill-proceduri determinati bejn il-kontendenti fil-proceduri li taw lok ghat-tassazzjoni kontestata, hija azzjoni separata u totalment indipendenti mill-istess proceduri billi l-Qorti tkun mitluba tikkunsidra xi haga li grat wara d-determinazzjoni tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet u indipendentement mill-volonta tal-partijiet. L-istess presenza tar-Registratur f'dawn il-proceduri, liema presenza ma kienitx la rikjesta u lanqas mehtiega fil-kawza determinata, tkompli ssahhah l-argument tal-intimat kif fuq riportat. Ghal dawn ir-ragunijiet l-proceduri istitwiti mir-rikorrenti huma rritwali.

Issa apparti dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li s-sottomissjoni tar-rikorrenti dwar l-ammontar tad-dritt tad-difensur ta' Maranne Ellul

hija zbaljata. Dan qed jinghad billi l-presenza tal-istess Marianna Ellul fil-proceduri determinati bis-sentenza fuq imsemmija kienet biss qua "kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha". Jisegwi li l-istess Marianna Ellul setghet biss tinzamm responsabbli ghall-nofs l-ammont reklamat mis-socjeta' HSBC Bank Malta plc u cioe semgha mill-istess komunjoni, billi l-rimanenti ammont, jekk kien ser jithallas mil-konjugi Ellul, kien ser jithallas mill-istess zewgha. Ghalhekk l-interess fil-kawza ta' din Marianne Ellul kien limitat u kull taxxa tad-drittijiet ghandha tirrifletti dan l-interess kif sewwa gara fit-taxxa mahruga fis-16 ta' April 1999.

Apparti din il-konsiderazzjoni fil-mertu din il-Qorti hija tal-fehma li l-proceduri istitwiti mir-rikorrenti huma rritwali u nulli u hekk tiddikjarahom, sew ghar-ragunijiet fuq imsemmija kif ukoll billi dawn ma gewx istitwiti mir-rikorrenti flimkien ma zewgha.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Onor Imhallef Albert J. Magri